MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Leonard Callus
vs
Korporazzjoni Enemalta

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 u b’mod aktar preciz fil-1993 huwa kien sofra ingustizzja billi wara li nghata transfer minn Hal-Saptan ghall-Birzebbugia, ma nghatax l-ispecial allowance li pesuna ohra li taghmel l-istess xoghol bhalu tiehu.
Il-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej: ir-rikorrent kien beda jahdem mal-Korporazzjoni Enemalta snin ilu w wara 17-il sena servizz fl-istazzjon tal-Korporazzjoni f’Hal Saptan, fit-8 ta’ Novembru 1993, kien inghata transfer ghall-Petroleum Division ta’ Birzebbugia. Ir-rikorrent kien tpogga mal-Loss Control Unit u kien qed jaghmel dan ix-xoghol ma mpjegat iehor, certu Joseph Camilleri. Dan

kien jaghmel xoghol ta’ petroleum inspector u jgawdi minn special allowance, kif ukoll jiehu special allowance id-despatcher tal-bousers, certu Victor Pace. Is-Sur Camilleri kien jaghmel l-istess xoghol li jaghmel ir-rikorrent, u meta r-rikorrent kien talab spjegazzjoni ghad-diskriminazzjoni li saret kontra tieghu, kien inghata l-ispjegazzjoni illi hu kellu grad oghla mis-Sur Camilleri. Ir-rikorrent sostna illi la persuna li kienet taghmel xoghol bhalu u bl-istess responsabilita` tiehu special allowance, huwa wkoll kellu jkun intitolat ghal dak l-allowance, indipendentement mill-grad rispettiv tieghu komparat ma’ dak tal-kollega tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jinghata l-ispecial allowance kif jiehdu persuni ohra, b’effett mill-1993.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepixxa:

Illi t-talba tar-rikorrent ghal ‘special allowance’ mhijiex gustifikata stante li l-imsemmi Joseph Camilleri fil-perjodu indikat mir-rikorrent kellu grad anqas minn tar-rikorrent u kien qieghed jaqdi l-istess doveri.

Illi d-doveri ndikati kienu dawk li jappartjenu ghal grad tar-rikorrent izda mhux ghal dawk tas-Sur Camilleri.

Illi ‘special allowance’ kienet inghatat lis-Sur Camilleri bhala kumpens ghal fatt li huwa kien qieghed jaqdi doveri li kienu jappartjenu ghal grad oghla milli kellu.

Illi dan kollu kien sar skond il-provvediment relattiv tal-Ftehim Kollettiv bejn il-General Workers Union u l-Korporazzjoni Enemalta.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.
Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed ir-rikorrent fejn semma li beda mal-Korporazzjoni fl-1 ta' Novembru 1978 fill-grad ta' Plant Operator. F'Marzu 1979 meta nholqot l-petroleum division fl-Enemalta haduhom lock, stock and barrel u saru mpjegati mal-Gvern ta' l-Enemalta. Ghall-habta ta' l-1980 bdew isiru WTO izda hu ma kienx sar. Kien ilmenta peress li dawk li kienu saru WTO's kienu illiterrati. Ghall-habta tal-1981 ghamel l-ezami u lahaq fil-grad ta' TO I. Semma li Louis Camilleri ma kienx sar TO I ghalkemm kien ghamel l-ezami mieghu. Imbaghad ha l-grad ta' TO I xi 5 jew 6 snin warajh. Ghall-habta ta' l-1993 kienu hargu sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghal grad ta' TO III fis-sezzjoni tal-petroleum. Hu u Louis Camilleri kienu applikaw. Louis Camilleri ma kienx fil-petroleum division izda hu biss kien f'dik is-sezzjoni. Louis Camilleri kien gie l-ewwel u hu kien gie warajh.

Min jigi t-tieni kellu sena zmien biex jekk ikun hemm xi vakanza jimliha hu. Peress li r-rikorrent kien gie t-tieni meta s-Sur Frans Callus li kien TO III irtira biz-zmien, ir-rikorrent xorta baqa ma hax il-promozzjoni. Sostna li kemm meta rtira Frans Guliano u kemm meta rtira Frans Callus hu kien gie maqbuz. Illum ghadu fl-istess grad ta' TO I ezattament ta' STO u dan hadu bir-re-organasation mhux ghax tela' grad.

Ilmenta wkoll illi wara 17-il sena servizz f'Novembru 1993 hu gie maqlugh minn Has-Saptan u gie trasferit B'Bugia u ma ma nghata ebda raguni, qalulu biss li kienet minhabba esigenza tas-servizz. Kienu poggewh ma' Joe Camilleri li kien junior tieghu fil-loss control unit. Camilleri kien qed

jinghata allowance ta’ xi Lm30 fix-xahar zejda. Qal li hu qatt ma nghata din l-allowance ghalkemm hu u Camilleri kienu jaghmlu l-istess tip ta’ xoghol. Ir-responsabbilta` kienet taqa’ fuq ir-rikorrent peress li kien senior tieghu. Hu qatt ma nghata raguni ghaliex ma kienx qed jinghata l-istess allowance li Camilleri kien qed jiehu. Esebixxa zewg dokumenti li huma l-applikazzjoni li kienet harget u r-rizultat taghha. Esebixxa wkoll tlett dokumenti li huma certifikati kif ukoll ittra tal-hatra.

Xehed Joe Mangion Principal mal-Enemalta li kkonferma d-dokumenti esebiti li huma l-applikazzjoni li kienet harget u r-rizultati taghha. Qal li min ikun runner up jiehu l-post li jkun imiss jekk tkun l-istess sejha u jekk ikun ghadu fil-limitu taz-zmien ta’ sena. Ikkonferma li r-rikorrent qatt ma ha l-promozzjoni. Qal li Joseph Camilleri li huwa Assistant Technical Officer fi skala 13 u r-rikorrent huwa Senior Technical Officer fi skala 10. Joseph Camilleri qed jingahta allowance biex jigi par mal-paga tar-rikorrent peress li kien qed jaghmel l-istess xoghol. Ir-rikorrent mhux qed jiehu ebda allowance. Fil-Collective Agreement hemm stipulat li meta impjegat ikun qed jaghmel xoghol ta’ grad oghla jinghata allowance, anzi din l-ispecial allowance mhix performance bonus izda tinghata ghaliex l-impjegat ikun qed jaghmel xoghol oghla mill-grad tieghu. Kieku r-rikorrent kien qed jaghmel xoghol oghla mill-grad tieghu, kieku Joe Camilleri kien jinghata allowance aktar gholja, u jigi a par mar-rikorrent. Semma li r-rikorrent kellu aktar responsabbilita` ghax kellu grad aktar.

Xehed Kenneth Abela Officer in charge fil-loss control unit fl-Enemalta u hu incharge minn zewg inspectors fosthom ir-rikorrent u Joe Camilleri. Ir-rikorrent huwa senior ghal Joe Camilleri. Semma li Camilleri jiehu allowance ta’ madwar Lm50 fix-xahar biex ipatti b’differenza fil-grad u din l-allowance tihallas awtomatikament u m’hijiex performance bonus. Ir-rikorrent u Camilleri jaghmlu l-istess tip ta’ xoghol u r-rikorrent dejjem jaghmel xoghlu sew u m’ghandu xejn xi jghid hazin fuq xoghlu. Kemm lir-rikorrent kif ukoll lil Camilleri ix-xhud jassenjalhom l-istess xoghol izda ghandhom differenza fil-paga bejniethom. Naf li Camilleri ghandu allowance ta’ Lm50 fix-xahar biex

ipatti ghad-differenza fil-grad. Semma li r-rikorrent peress li huwa senior ghandu aktar responsabilta` minn Camilleri.

Xehed Philip Borg Assistant Head of Petrolium l-Enemalta u dahal f'din is-sezzjoni fl-1986. Ir-rikorrent kien diga` hemmhekk u kien fis-sezzjoni ta' Has-Saptan bhala TO I. Has-Saptan taghmel parti mill-Petroleum Division u r-rikorrent f'xi zmien kien gie transfered ghal B'Bugia. Kienet hareg call for application ghal TO III fil-Petrolium Division B'Bugia meta kien spicca TO III li kien hemm qabel. Kien gie appuntat Louis Camilleri u ftakar li kien hemm ukoll ir-rikorrent bhala kandidat. Camilleri ma kienx gie mill-Petroleum Division izda kien mill-Marsa Power Station fil-maintenance section.

Semma li hu kien membru tal-bord ta' l-ghazla ghal dawn l-applikazzjonijiet ta' TO III. Qal li huma taw il-marki lil kandidati ghall-esperjenza kif ukoll ghal-livell tekniku li kellhom, kif ukoll ghal-livell ta' Technical Education. Ir-rikorrent kien Technical fuq Electrical filwaqt li Camilleri kien Mechanical ghalkemm ma kienx cert dwar dak. Qal li jaf li r-rikorrent kien jaghmel xoghol bhala maintenance ta' mechanical ukoll.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi l-ewwelnett hu necessarju li t-Tribunal jezamina jekk it-talba tar-rikorrent hix ta' kompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae***. Fil-kawza fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited deciza fl-14 ta' Dicembru, 1999, it-Tribunal qal:

"Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan ighid:
"6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita` jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li

ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatti l-istess artikolu 6 ta' dak l-Att kien jitkellem dwar is-setghat tal-

Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita` ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero` kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

"Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Dan it-Tribunal iddecidida fuq diversi aspetti li jaqghu barra mill-kompetenza tieghu. Hekk ghamel fil-kaz ta' Joseph Barbara vs MedServ Limited deciz fl-10 ta' Mejju, 1999 li kien jirrigwarda **terminazzjoni ta' impieg** [ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999, u Emmanuel Chircop vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati deciza fl-24 ta' Gunju, 1999 **dwar terminazzjoni ta' impieg mill-Armata** (Art 5 (3) (a) ta' l-Att)]. Fil-kawza fl-ismijiet Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 f'kaz li kien jikkoncerna **hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni** it-Tribunal hass li ma kellux kompetenza. L-istess ghamel fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna **Bonus kif**

**ukoll allowances**, fil-kaz ta' Grezzju Sultana vs Mid-Med Bank Limited deciz fid-19 ta' Mejju, 1999 li kien jikkoncerna **telf ta' increments, fabbrikazzjoni ta' rapporti hziena fuq ir-rikorrent, cahda ta' allowances, divjett tar-rikorrent milli jsuq vetturi, u li r-rikorrent ma giex moghti overtime,** fil-kaz ta' J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna **nuqqas ta' hlas ta' paga**, fil-kaz ta' Alfred Bajada nomine vs Direttur tal-Edukazzjoni deciza fl-20 ta' Ottubru, 1999 dwar **nuqqas ta' hlas ta' grant jew ghotja**, fil-kaz ta' Vincent Vassallo vs Kalaxlokk Company Limited deciz fid-19 ta' Ottubru, 1999 dwar **danni sofferti kawza ta' incident fuq ix-xoghol**, fil-kaz ta' Wistin Grech vs Direttur tal-Portijiet deciza fl-20 ta' Mejju, 1995 **dwar ordni ta' l-Awtorita' Marittima biex ir-rikorrent jorbot l-iskuna tieghu post iehor**, fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna **l-ghoti ta' medalja**, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna **kwistjoni dwar leave**…"

Fil-kaz in ezami ghandna kaz ta' **special** allowance. Dawn ma jissemmew imkien fl-artikolu 6 (1) paragrafi (a) sa (d) ta' l-Att VIII tal-1997. Infatti ma jistghux jigu kunsidrati bhala hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici, jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b' ligi; anqas ma jistghu jigu kunsidrati bhala dhul fl-impieg. Certament ma humiex licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi. Ghalhekk ma jaqghux fil-kompetenza tat-Tribunal. Ghalhekk special allowances jesorbitaw mill-kompetenza tat-Tribunal.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------